DATA/DATI TAL-AWDIZZJONI .................................. ĦINIJIET ................ POST: ..............................................

ISEM TAL-PRODUZZJONI .................................... DATA/DATI ......................................

DIRETTUR/REĠISTA: ................................

*Notamenti*

## IL-BELLIEGĦA FIL-BIR

*2 Att, 2 Xena, p.79 (m)*

## ALISTAIR

**GĦALIEX JIEN MHUX BĦALL-OĦRAJN.**

*(Ikompli minn p.91)*

Dak il-wiċċ... Ir-raġuni tal-biża' li ġarrejt miegħek ħajtek kollha, tkun fejn tkun. Għalhekk: għax għalkemm ma trid terġa' tara lil ħadd, u ma tridx idduq l-istess morr, xi ħaġa tibqa' ankrata miegħek, u tiġbdek lura.

/ Il-flus? Dejjem hemm il-flus! Iva, dik il-verità ta' llum! Il-flus ukoll iva, issa li qiegħed hawn! Tal-anqas stennejt il-flus! Għamilt is-sagrifiċċju li talbitni – ħallast – u ġejt lura! Stennejt wisq jekk tal-anqas stennejt il-flus? Biex nibda nagħmel xi ħaġa hawn tal-anqas? Għax barra – barra aqta' jiesek, qaltli! Barra int mhux ibni! Tal-anqas hawn ħsibt li stajt nipprova nerġa' nibda, insib post, studjow, forsi fabbrika żgħira għall-bidu… Garax!

/ Min jaf x'riedet! Dejjem tittamani, u sadanittant, dejjem tnawwarli ġewwa moħħi – trid taf għaliex hekk u mhux hekk – għaliex mort – għaliex jien mhux bħall-oħrajn! Għaliex m'iniex bħal Michael? Bħal Michael temminha?! Għax lilu, lilu iva, kienet fdatu – fdatu qisha qroqqa għamja. Tfajliet hawn ġew, le – dak le u qatt! – imma bil-flus fdatu. Kienet tagħtih kemm irid, fuq l-iċken skuża. U meta ma tagħtihx…

/ U kieku kien jieħu biss, kieku mhux ħażin għalkollox. *(176)*

**ĦIN** MASSIMU ........... MINIMU ............

**PROPS** ..............................................................

**VIS Á VIS** LE ☐ IVA ☐ = ..............................

**SILTA** DRAMMATIKA, KOMIKA, KANTATA, ŻFIN.

PDF p.79